MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1677/2005

**Middlesea Insurance PLC (C5553) kif surrugata fid-drittijiet tal-Assikurat taghha John Cutajar abbazi tal-polza ta assikurazzjoni tat-tip 'comprehensive' u tal-ligi u l-istess John Cutajar**

**Vs**

**Mark Anthony Taylor**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Awissu 2005, fejn s-socjeta` attrici tablet illi tithallas is-somma ta' erba` mija u sittax il-Liri Maltin u tmien centezmi (Lm416.08) filwaqt illi l-attur talab illi jithallas s-somma ta' wiehed u sittin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm61.80), it-tnejn ghar-ragunijiet indikati u msemmija fl-istess Avviz, ossia in kwantu ghas-socjeta` attrici rappresentanti danni li ghamlet tajjeb ghalihom hi u li sofra l-assikurat taghha

John Cutajar u in kwantu ghall-attur l-istess John Cutajar rapprezentanti l-excess u kiri ta' vettura;

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut ta' l-20 ta' Settembru 2005;

Ra x-xhieda ta' PS 298 Joseph Grima, John Cutajar u Rosette Calafato moghtija fis-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2005 u kif ukoll ix-xhieda ta' Mark Anthony Taylor tat-23 ta' Novembru 2005, inkluz kull dokument minnhom esebit;

Il-kawza giet trattata fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2005 mill-abbli difensuri wara illi l-partijiet iddikjaraw illi ma kien fadlilhom ebda provi xi jressqu u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-llum.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal jikkonsidra illi l-linja tan-nofs tat-triq fejn sehh l-incident huwa dotted u mhux continuous line – "*peress illi l-karozzi illi johorgu minn Mistra Bay iridu jaqsmu il-karraggjata biex ikunu jistghu jiehdu t-triq lejn il-Mellieha*"[1]. Jikkunsidra ukoll illi "*il-vettura BBE – 278 kienet fuq in-naha tar-right tat-triq, qisha qeghda fuq in-naha l-hazina tat-triq*"[2].
Konsiderazzjoni ohra hija illi l-vettura lit kun hiegra mill-Mistra biex taqbad it-triq lejn il-Mellieha "*triq tohrog ftit il-barra, madwar metro l'barra, biex inti jkollok vizwali ahjar tat-traffiku li jkun niezel minn dik it-triq …. Traffiku ma tarahx kollu imma tara biss l-parti ta' quddiem tat-traffiku …. L-vizwali hija b'mod illi jkollok cans bizzejjed biex tohrog minn dik it-triq ghal fuq il-main road*."[3]
Jikkunsidra ukoll dak li stqarr s-sewwieq tal-vettura BBE – 278 mas-Surgent u kif rapportat fl-Accident Report – "*driver stated that he was driving along Triq il-Mistra and he tried to overtake a car and on doing so he collided with Van JAZ – 964 which emerged from Mistra Bay*".[4]

---

[1] PS 298 – xhiedha moghtija fl-20 ta' Ottubru 2005
[2] ibid
[3] ibib
[4] DOK JG1

Jikkunsidra x-xhiedha moghtija mill-konvenut u fejn huwa qal illi kien ilu mir-roundabout tal-Mellieha isuq bil-mod wara anzjana li kienet fi triqtha u fil-linja taghha, u ma setghax jaqbizha izda meta "*gejna fid-dritta tal-Mistra, igifieri meta kelli l-vizwali tat-triq kollha, iddecidejt li naqbizha. ….. sakemm gew il-Pulizija, il-vettura baqghu kif hallejnihom mal-habta … niikonferma illi naqbel ma' l-isketch .. naqbel ukoll illi fejn jiena qbizt hemm continuous line*"[5].

Dwar il-quantum tad-danni it-Tribunal ikkunsidra illi s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba` mija u sittax il-Liri Maltin u tmien centezmi (LM416.08) rappresentanti d-danni kollha sofferti mill-attur John Cutajar u li ghalihom ghamlet tajjeb hi stess a bazi tal-polza ta' l-assikurazzjoni ta' l-istess John Cutajar, filwaqt illi l-istess attur John Cutajar qed jitlob is-somma ta' wiehed u sittin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm61.80) rappresentanti in kwantu ghal hamsin Liri Maltin excess u hdax il-Liri Maltin u tmenin centezmu kiri ta' karozza.
Ikkunsidra DOK RC 1 li jinkludi ricevuta ta' l-ispray fl-ammont ta' Lm100[6], ricevuta ta' Lm101.85 ghall-panel beating[7], ricevuta ta' Lm182.43 ghall-parts[8] u ricevuta ta' Lm3 ghall-hlas tar-road accident report[9], ammontanti in toto ghas-somma ta' tlett mija u seba` u tmenin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm387.28).
Ikkunsidra ukoll illi gew prodotti ricevuti fl-ammont ta' hdax il-Lira Maltin u tmenin centezmu (Lm11.80) rapprezentanti l-kiri ta' vettura u ohra ta' hamsin Liri Maltin (Lm50) rappresentanti l-excess mhallas, ammontanti in toto ghal wiehed u sittin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm61.80).

Ikkunsidra ukoll illi l-konvenut ma ghamel ebda kontestazzjoni dwar l-ammonti hawn fuq indikati.

It-Tribunal ghalhekk jikkonkludi illi kienet il-manuvra ta' sorpass li ghamlet il-vettura JBE – 278 illi ikkawzat l-

[5] Xhiedha moghtija fit-23 ta' Novembru 2005
[6] fol 32
[7] fol 33
[8] fol 34
[9] fol 35

incident mertu ta’ din il-kawza. Is-sewwieq jidher illi iddejjaq isuq wara vettura miexja fi triqtha imma bil-mod u iddecieda illi jissorpassa peress illi t-triq kienet dritta – anke jekk kien jaf illi qieghed jaqbez fuq continuous white line.
Minn naha tieghu, is-sewwieq tal-vettura JAZ – 964 hareg mill-Mistra fid-direzzjoni tal-Mellieha meta ra illi kellu bizzejjed can illi jaghmel hekk u ma seta` qatt jara illi kienet gejja vettura fi triqtu illi effettivament habbtet mieghu.
Kif jirrizulta mill-isketch ikkonfermat miz-zewg sewwieqa, il-habta sehhet totalment fuq in-naha tat-triq li taghti ghall-Mellieha, allura fin-naha giusta ghas-sewwiq tal-vettura JAZ – 964.
In kwantu ghall-quantum tad-danni, it-Tribunal irid jistrieq fuq id-dokumenti esebit minn rappresentant stess tas-socjeta` attrici stess u liema dokumenti konsistenti f’ircevuti ma jwasslux ghas-somma mitluba mill-istess socjeta` attrici.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz x-xhieda u d-dokumenti prodotti u t-trattazzjoni ta’ l-abbli Avukati difensuri tal-partijiet, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talbiet maghmula mill-atturi u filwaqt illi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu ta’ din il-kawza, ighaddi sabiex jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici limitatament ghas-somma ta’ tlett mija u seba` u tmenin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm387.28) u t-talba ta’ l-attur ghas-somma intiera ta’ wiehed u sittin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm61.80) u jikkundanna ghalhekk lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta` attrici MiddleaSea Insurance Plc is-somma ta’ tlett mija u seba` u tmenin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm387.28) u lill-attur John Cutajar is-somma ta’ wiehed u sittin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm61.80), ghar-ragunijiet dedotti fl-Avviz, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------